4 ta' Mejju, 1953

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Anthony Richard Colleja** ne. *versus* **Joseph** Mamo pr. et ne. (*)

**Bejgħ — Nuqqas ta' Konsenja tal-Merkanzija — Danni — Art. 1436 tal-Kap. 23.**

*Id-danni kontrattwali għandhom funzjoni riparatriċi, u ma għandhomx ikunu strument ta' piena lill-kontraent inadempjenti jew ta' lukru indebitu favur il-kontraent l-ieħor, imma biss reintegrazzjoni tal-patrimonju tad-danneġġjat fil-miżura li ikun sofra d-danni.*

*Fil-każijiet kollha, il-bejjiegħ għandu jiġi kundannat għall-ħlas tad-danni, jekk ix-xerrej ikun bata ħsara bin-nuqqas tal-kunsinna tal-ħaġa fiż-żmien miftiehem.*

*Il-prinċipju normali hu dak li d-dannu hu determinat mid-differenza*

*bejn il-prezz stipulat u l-prezz tas-suq fiż-żmien li fih kellha ssir il-konsenja; għalkemm jista' jkun hemm xi każi singoli li fihom ikun hemm lok għal varjazzjoni ta' dan il-prinċipju.*

---

(*) **B'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina (Awla Kummerċjali) tat-8 ta' Frar 1954, ġie miċħud il-permess mitlub mill-attur biex jappella minn din id-deċiżjoni lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat fuq il-motiv li din is-sentenza mhijiex finali.**

Il-Qorti — Rat is-sentenza tagħha fuq il-preġudizzjali ta' l-irritwalità ta' l-appell, mogħtija fil-15 ta' Diċembru 1952, riportata in kopja fol. 68 ta' dan l-inkartament, u li fiha hemm is-soltu riassunt ta' l-attijiet proċesswali;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-appell hu limitat għad-dikjarazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti fuq it-tielet talba taċ-ċitazzjoni—dik, ċjoè, illi, *fil-każ li* l-attur jipprova li fil-fatt sofra danni, il-prezzijiet li għandhom jittieħdu bħala *bażi tar-riżarċiment* għandhom ikunu dawk ta' meta kellha ssir il-konsenja, fit-12 ta' Diċembru, 1948;

Ma hemmx dubju li d-danni kontrattwali għandhom funzjoni riparatriċi, u ma għandhomx ikunu strumenti ta' piena lill-kontraent inadempjenti, jew ta' lukru indebitu favur il-kontraent l-ieħor, imma biss reintegrazzjoni tal-patrimonju *tad-danneġġjat fil-miżura li jkun sofra d-danni.* "The law lays down this, that if the contract is broken, the party is to be put in the same position, as far as money is concerned; but the law takes no notice of the vexation which has been suffered" (per Pollock C.B. in Hamlin vs. Great Northern Railway Co. (1856), 26 L.J. Ex. at p. 22). U fil-kawża Addis vs. Gramophone Co. Ltd. (1909) A.C. 488 (riportata fil-ktieb "Cases Illustrating General Principles of the Law of Contract", Mills & Brierly, 1923 edition, p. 423), Lord Atkinson qal: "I have always understood that damages for breach of contract were *in the nature of compensation*, not punishment, and that the general rule of law applicable to such cases was that in effect stated by Cockburn C.J. in Engel v. Titch (1868), L.R. 3,

Q.B. 314, 330, in these words :— "By the law of England, as a general rule, a vendor who,from whatever cause, fails to perform his contract, is bound to place the purchaser, so far as money will do it, in the position he would have been if the contract had been performed........" (Ara wkoll Trattato Diritto Commerciale, Pipia, Vol. IV, p. 325, para. 407, fejn jiċċita sentenza tal-Qorti ta' Trani, nota 2);

Il-kwistjoni bejn il-kontendenti, relativament għall-kap devolut lil dina l-Qorti, hi dik jekk il-"quantum" tad-danni—fil-każ li jiġu pruvati danni—għandux jiġi kalkulat fuq il-prezzijiet tal-lum, kif jippretendi l-attur, jew fuq dawk taż-żmien meta kellha ssir il-konsenja, kif jippretendi l-konvenut;

L-anteċedenti proċesswali ta' dan il-każ huma suffiċjentement riepilogati fis-sentenza li minnha sar l-appell, u ma hemmx bżonn li jiġu ripetuti;

Din il-Qorti taqbel ma' l-Ewwel Qorti li l-prinċipju normali tar-riżarċiment hu dak li d-dannu hu determinat middifferenza bejn il-prezz stipulat u l-prezz tas-suq fiż-żmien li kellha ssir il-konsenja. Infatti hu biss b'dan il-prinċipju li jiġi osservat il-karattru tad-dannu, ċjoè li r-riżarċiment għandu jkollu funzjoni riparatriċi;

Jista' jkun li f'xi każijiet singoli jkun hemm lok għal varjazzjoni ta' dan il-prinċipju, iżda ebda ċirkustanza simili ma tirrikorri f'dan il-każ preżenti. Skond is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tat-12 ta' Ottubru 1948, fil-kawża vertita bejn il-kontendenti odjerni, il-konvenut ġie kundannat biex jagħmel il-konsenja mhux aktar tard mit-12 ta' Diċembru 1948; l-attur għalhekk għandu dritt li jiġi riżarċit fil-miżura tal-liġi għal dak kollu li seta' tilef (jekk tilef xi ħaġa) minħabba li l-oġġett tal-kuntratt ma kienx f'idejh f'dak iż-żmen. Ma hemm ebda ċirkustanza partikulari li fil-każ preżenti tinduċi xi varjazzjoni tar-regola ġenerali fuq enunċjata;

Dan il-prinċipju huwa nvolut fl-art. 1436 Kap. 23, li hu f'dawn it-termini :— "Fil-każijiet kollha l-bejjiegħ għandu jiġi kundannat għall-ħlas tad-danni, jekk ix-xerrej ikun bata ħsara bin-nuqqas tal-kunsinna tal-ħaġa fiż-żmien miftiehem". F'dan l-artikolu l-liġi ma tgħidx li x-xerrej għandu jedd għaddanni minħabba n-nuqqas tal-kunsinna, imma tgħid "minħab-

ba n-nuqqas tal-kunsinna fiż-żmien miftiehem"; u b'hekk turi li dak hu ż-żmien rilevanti tad-danni;

L-art. 1112 Kap. 23, ċitat mill-attur in konnessjoni marriljev li hu, għall-ewwel, insista fuq il-kunsinna, u biss 'aktar tard talab ir-riżoluzzjoni tal-kuntratt, ma jajjutax bl-ebda mod l-assunt ta' l-attur; għaliex fiż-żewġ każijiet, ta' riżoluzzjoni tal-kuntratt jew ta' eżekuzzjoni koattiva prospettata f'dak l-artikolu, iż-żmien rilevanti għad-danni hu dak li fih imissha saret il-konsenja;

L-attur iċċita anki, fin-nota tiegħu u fid-dibattitu orali, l-awtur Vittorio Scialoia, Dizionario Pratico del Diritto Privato, voce Danno, paġ. 557, para. 37, in kwantu dan l-awtur, relativament għaż-żmien tal-valutazzjoni tad-danni, jiddistingwi bejn inadempiment assolut u inadempiment preċedut millkostituzzjoni in mora; u f'dan l-aħħar każ jgħid li "si dovrà tener conto del valore nell'intervallo di tempo decorso tra la costituzione in mora e la condanna". Din id-distinzjoni ma hix operativa fil-każ preżenti, għax it-terminu tal-konsenja gie impost bis-sentenza tat-12 ta' Ottubru 1948, u s-sentenza issa appellata rriteniet appuntu li ż-żmien rilevanti għall-kalkolu tad-danni hu dak li fih kellha ssir il-konsenja skond dik il-kundanna tas-sentenza ta' l-1948;

Il-prinċipju normali, propunjat mill-Ewwel Qorti u sostnut minn din il-Qorti, hu riċevut, minbarra fil-ġurisprudenza kontinentali, anki f'dik Ingliża. Jgħid il-Halsbury, Hailsham edition, vol. 10, p. 123, para. 155 (fejn jiċċita diversi sentenzi tal-Qrati Ingliżi) :— "When upon a sale of goods........... the seller fails to deliver them, if there is a market for such goods, the measure of damages is the difference between the contract price and the market or current price at the date when the goods should have been delivered"; u ibidem page 124, para. 156 :— "If the seller delays delivery beyond the time fixed for it, or, if no time is fixed, beyond a reasonable time, the rule is similar; the buyer is entitled to the difference between the value of the goods when actually delivered and the value which they would have had if delivered at the proper

time..........";

Kif wieħed jara, fiż-żewġ każijiet — "failure to deliver" jew "delay of delivery"—iż-żmien rilevanti għall-kalkolu tad-danni, kif diġà ġie osservat a propożitu ta' l-art. 1112 invokat mill-attur, hu dak li fih kien imissha saret il-konsenja; u għalhekk ma huma ta' ebda valur l-argomentazzjonijiet ta' l-attur fis-sens li hu għall-ewwel insista għall-konsenja, u mbagħad, aktar tard, talab ir-riżoluzzjoni;

Finalment, għandu jiżdied li, biex wieħed jara kemm hija nsostenibili t-teżi sostnuta mill-attur, biżżejjed jirrifletti li, kieku kellha tiġi aċċettata dik it-teżi, allura minflok li għar-regolament tad-danni f'każjiet simili jkun hemm regola fissa ekwitativa normalment applikabili, kien jinħoloq l-assurd antiġuridiku, jekk mhux anki immorali, illi l-kumpratur jaċċetta dik ir-regola meta l-prezz tas-suq, wara ż-żmien li fih kellha ssir il-konsenja, jaqa' taħt il-prezz pattwit, biex b'dan il-mod jevita li jitlef l-azzjoni għad-danni, u, għall-kuntrarju, jattakka dik ir-regola bħala inaċċettabili meta l-prezz tas-suq ikun għola, sabiex jista' jitlob il-"quantum plurimi", mentri r-regoli tal-liġi għandhom jiġu applikati skond kriterji obbjettivi ta' ġustizzja, u mhux jiġu aċċettati jew respinti skond ma jiddetta t-tornakont individwali;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti;

Tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell fuq il-kap devolut, u tikkonferma f'dak il-kap is-sentenza appellata; bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-appellant.